MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-8 ta’ Marzu, 2023

Appell Inferjuri Numru 159/2021 LM

**Alf. Mizzi & Sons Marketing Limited (C 8692)**
*(‘l-appellata’)*

***vs.***

**Maria Helena Bianco (K.I. 35668M)**
*(‘l-appellanta’)*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenuta **Maria Helena Bianco (K.I. 35668M**) [hawnhekk ‘l-appellanta’], minn deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’), tal-21 ta’ Ġunju, 2022, [minn issa ‘is-sentenza appellata’] li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda l-vertenza li kellu quddiemu billi ċaħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta, u laqa’ t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi **Alf. Mizzi & Sons Marketing Limited (C 8692)** [minn

issa 'is-soċjetà attriċi'], u b'hekk ikkundanna lill-konvenuta tħallas is-somma ta' seba' mija u tlieta u tmenin Euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€783.78), bl-imgħax b'rata li mhijiex ogħla mill-massimu permess skont il-liġi, dekorribbli mid-data tal-ftuħ tal-kawża sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuta.

**Fatti**

2. Fl-Avviż tat-Talba ppreżentat minnha, is-soċjetà attriċi spjegat li l-konvenuta għandha tagħtiha s-somma ta' seba' mija, tlieta u tmenin Euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€783.78), liema somma hija dovuta bħala l-prezz ta' prodotti mixtrija mill-konvenuta mingħand is-soċjetà attriċi. Is-soċjetà attriċi spjegat li l-konvenuta baqgħet ma ħallsitx għall-imsemmija prodotti, u dan kif jidher mill-i*statement of account* ippreżentat mis-soċjetà attriċi stess. Is-soċjetà attriċi spjegat li l-konvenuta ġiet interpellata diversi drabi sabiex tħallasha, iżda din baqgħet inadempjenti, u kien għalhekk li kellhom jinfetħu proċeduri legali fil-konfront tagħha.

3. Il-konvenuta wieġbet li hija mhijiex leġittima kontradittriċi f'din il-kawża, u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, għaliex fil-perijodu in kwistjoni ma kinitx hi li kienet tiġġestixxi l-ħanut in kwistjoni. Qalet li hija kienet welliet il-ħanut lil ċertu Matthew Charles Costigan, u għalhekk it-talbiet tas-soċjetà attriċi kellhom jiġu indirizzati lilu.

**Mertu**

4. **Marvin Sapiano**, *Credit Control Manager* tas-soċjetà attriċi, spjega li l-konvenuta kienet tiġġestixxi ħanut bl-isem 'Ta' Paris Self Service', u kienet tixtri l-merkanzija mingħand is-soċjetà attriċi. Qal li fil-25 ta' Lulju, 2016 kien intlaħaq ftehim mal-konvenuta sabiex din tingħata *credit limit,* u ġiet iffirmata *credit application* bejn il-partijiet f'din il-kawża. Qal li fil-fatt kien infetaħ kont abbinat mal-konvenuta, u minn dak il-punt 'il quddiem dan il-kont kien jintuża kull darba li s-soċjetà attriċi kienet tbiegħ merkanzija lill-konvenuta. Qal li din il-merkanzija dejjem ġiet ikkonsenjata fil-ħanut 'Ta' Paris Self Service', ġestit mill-konvenuta. Qal ukoll li dan il-kont baqa' jintuża sal-15 ta' Ottubru, 2017, u f'dan il-kont baqa' bilanċ mhux imħallas ta' €783.78 li għadhom dovuti. Qal ukoll li l-*invoices* kollha mniżżla fl-*istatement of account* anness mat-talba, huma *invoices* għax-xiri ta' merkanzija li saru kollha qabel il-15 ta' Ottubru, 2017. Ix-xhud qal li fis-17 ta' Ottubru, 2017, ġiet iffirmata *credit application* ġdida ma' ċertu Matthew Costigan għall-istess ħanut, peress li Costigan beda jiġġestixxi l-ħanut hu.

5. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, ix-xhud qal li huwa sar jaf bit-twellija tal-ħanut fis-17 ta' Ottubru, 2017, u s-soċjetà attriċi kienet bagħtet ittra lil Matthew Costigan sabiex iħallas. Qal li Costigan kien ikkontesta din l-ittra li ntbagħtet lilu, u qal li meta saru l-verifiki ġie stabbilit li dak li kien qiegħed jallega Costigan kien jaqbel mad-dokumenti li kellha s-soċjetà attriċi. Qal ukoll li huwa ma jiftakarx jekk sarux verifiki mal-konvenuta sabiex din tikkonferma min-naħa tagħha jekk dak li allega Costigan kienx minnu jew le.

6. Ix-xhud **Charles Bianco** qal li l-ħanut in kwistjoni kien ilu għandu u għand il-mara tiegħu l-konvenuta mill-25 ta' Ġunju, 2016, u fit-2 ta' Ottubru, 2017

huma wellewh lil ħaddieħor. Qal li fil-ħanut kien hemm *displays* ta' xi aġenti, fosthom tas-soċjetà attriċi, u għalhekk meta sar il-ftehim tat-twellija tal-ħanut, Matthew Costigan kien iffirma li kien qiegħed iħallas għall-*goodwill* u għall-affarijiet tal-aġenti, fosthom tas-soċjetà attriċi. Qal li dakinhar li ġie ffirmat il-ftehim tat-twellija tal-ħanut, huma bidlu ċ-ċavetta tiegħu, u b'hekk ir-responsabbilità tal-ħanut għaddiet f'idejn Costigan. Ix-xhud qal ukoll li l-mara tiegħu tiġġestixxi diversi ħwienet oħra, u huma m'għandhom jagħtu xejn lil ħadd. Ix-xhud allega wkoll li s-soċjetà attriċi bit-talba tagħha qegħda tipprova tiffroda lil martu l-konvenuta, għaliex Matthew Costigan ġie interpellat biex iħallas l-istess ammont li qegħda tintalab tħallas il-konvenuta.

## <u>Is-Sentenza Appellata</u>

7. Permezz tas-sentenza mogħtija fil-21 ta' Ġunju, 2022, it-Tribunal iddeċieda l-vertenza li kellu quddiemu billi ċaħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta, u laqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"<u>**Provi ppreżentati u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**</u>*
>
> *Permezz ta' affidavit, Marvin Sapiano, rappreżentant tas-soċjetà attriċi, qal li l-konvenuta kienet tmexxi ħanut jismu "Ta' Paris Self Service" u kienet tixtri l-merkanzija mingħand is-soċjetà attriċi. Huwa qal li fil-25 ta' Lulju, 2016, sar ftehim bejn il-partijiet sabiex hi tingħata* credit limit *u ġiet iffirmata* credit application *bejn il-partijiet li kopja tagħha kienet ġiet ippreżentata mal-Avviż tat-Talba. Infetaħ kont abbinat mal-konvenuta bin-numru "21412" u minn dakinhar 'il quddiem, il-kont kien jintuża kull darba li l-konvenuta kienet tixtri mingħand is-soċjetà attriċi. Il-kont baqa' jintuża sal-15 ta' Ottubru, 2017 u baqa' bilanċ ekwivalenti għall-ammont mitlub permezz ta' din il-kawża. Huwa kompla jispjega li l-*invoices *kollha mniżżlin fl-*istatement of account *anness mal-Avviż tat-Talba saru qabel il-15 ta' Ottubru, 2017. Finalment, huwa qal li fis-17 ta' Ottubru, 2017 ċertu Matthew Costigan iffirma* credit

application *ġdida f'ismu fuq l-istess ħanut stante li kien beda jiġġestixxi l-istess ħanut hu stess. Il-kont abbinat ma' Matthew Costigan infetaħ fis-17 ta' Ottubru, 2017 u kellu n-numru "21768".*

*Sapiano ppreżenta dokument (fol. 24 sa 26) li jgħid fl-intestatura tiegħu li jkopri* outstanding transactions *sal-15 ta' Ottubru, 2017. L-istess ammont jindika li l-ammont mertu tal-kawża huwa ffurmat minn* invoices *datati bejn it-2 ta' Ottubru, 2017 u t-12 ta' Ottubru, 2017.*

*Xehed Charles Bianco li spjega, inter alia, li l-ħanut ġie mwelli lil Matthew Costigan fit-2 ta' Ottubru, 2017 u in sostenn ta' dan ippreżenta kopja ta' skrittura. Jidher, iżda li l-kopja tal-iskrittura ma ġietx ippreżentata fl-intier tagħha (fol. 57 u 58), għax lanqas biss tinkludi l-parti aħħarija fejn is-soltu jkun hemm il-firem. It-Tribunal qiegħed jifhem li għalkemm l-iskrittura hija datata 2 ta' Ottubru, 2017, Costigan kien awtorizzat jibda l-ġestjoni tal-ħanut mill-14 ta' Ottubru, 2017 'il quddiem (ara, per eżempju, klawsoli "A", "B", "Ċ" u "K" tal-iskrittura). Ladarba jingħad fiċ-ċar li l-iskrittura li Costigan sar responsabbli għal diversi affarijiet mill-14 ta' Ottubru, 2017 'il quddiem, dan ifisser li qabel l-14 ta' Ottubru, 2017, ma kienx Costigan li kien responsabbli għall-ħanut u għal kwalunkwe ħlasijiet li setgħu kienu dovuti.*

*It-Tribunal josserva li l-iskrittura relattiva mkien ma ssemmi lill-konvenuta. Anzi, fuqha qiegħed jidher Charles Bianco iżda* ***in rappreżentanza ta' Western Company Limited (C 19994)****. Min-naħa l-oħra, huwa evidenti li skont id-dokument a fol. 24, kienet Maria Bianco li ffirmat il-formola tas-soċjetà attriċi qua "owner" tal-ħanut "Ta' Paris Self Service" f'Birkirkara. It-Tribunal għamel it-tiftix tramite l-*Malta Business Registry *(kif inhu awtorizzat li jagħmel skont l-art. 9(2)(b) tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta) u minn dan jirriżulta li Carmel (sive Charles) Bianco huwa l-uniku direttur kif ukoll ir-rappreżentant legali u ġuridiku ta' Western Company Limited. M'hemmx provi li jindikaw li meta l-konvenuta ffirmat id-dokument a fol. 24 (firma inkontestata), hija ma kinitx awtorizzata tagħmel dan. Ladarba m'hemmx kontestazzjoni dwar dan d-dokument u l-firma ta' Maria Helena Bianco fuqu, it-Tribunal qiegħed jieħu dan bħala prova li Maria Helena Bianco kienet awtorizzata tidħol fil-ftehim relattiv nonostante li skont l-iskrittura, il-ħanut kien jappartjeni lil Western Company Limited.*

*Jirriżulta wkoll mill-atti (fol. 46) li l-ftehim tas-soċjetà attriċi ma' Matthew Costigan beda mis-17 ta' Ottubru, 2017 'il quddiem, jiġifieri tlett ijiem wara l-ġurnata li fiha (skont l-iskrittura), ħa f'idejh il-ġestjoni tal-ħanut relattiv.*

*Fix-xhieda tiegħu (fol. 52 et seq), Charles Bianco donnu ried jgħid li s-soċjetà attriċi kienet diġà fetħet xi kawża jew kawżi kontra Costigan. Huwa qal: "*Issa li ma ħadtuhomx mingħandu, tippruvaw idduru fuq il-mara biex toħdulha l-flus tas-787."

*Fl-atti (senjatament a fol. 59 et seq) hemm kopja ta' ittra uffiċjali ppreżentata taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (ittra uffiċjali numru 968/2020). Jidher minn din l-ittra uffiċjali li s-soċjetà attriċi riedet li Costigan ikun ikkundannat iħallasha s-somma ta' €2,446. Iżda t-Tribunal ma jistax ma josservax li d-dokument anness mal-ittra uffiċjali (fol. 60) għandu l-*customer code *"21412", li skont ix-xhieda ta' Marvin Sapiano stess, l-istess code hija abbinata ma' Maria Helena Bianco. Kwindi, dan ifisser li fl-ittra uffiċjali relattiva, is-soċjetà attriċi kienet qed titlob li Costigan iħallasha ammonti li kienu abbinati mal-*customer code *ta' Maria Helena Bianco, meta fil-fatt, il-*customer code *mogħtija mis-soċjetà attriċi lil Costigan kienet "21768". Għaliex is-soċjetà attriċi riedet li Costigan ikun ikkundannat iħallasha ammonti kjarament abbinati mal-*customer code *ta' Maria Helena Bianco?*

*Għalhekk, għall-finijiet ta' min hu l-leġittimu kontradittur, it-Tribunal jgħid li siccome m'hemmx kontestazzjoni li l-*customer code *fuq il-fatturi annessi mal-Avviż tat-Talba hija dik tal-konvenuta u* siccome *l-iskrittura ppreżentata mir-raġel tal-konvenuta tindika li Costigan kellu jibda l-ġestjoni tal-ħanut mill-14 ta' Ottubru, 2017 'il quddiem, isegwi loġikament li kull fattura jew* invoice *maħruġa qabel l-14 ta' Ottubru, 2017 għal merkanzija mibjugħa wkoll qabel dik id-data, għandha tkun diretta kontra l-konvenuta u ħadd aktar.*

*Inoltre, jiġi rilevat li jekk il-konvenuta kienet daqshekk konvinta li hija ma kinitx il-leġittimu kontradittur messha talbet li Costigan jiġi msejjaħ fil-kawża skont l-Art. 961 u 962 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*L-avukat patroċinanti l-konvenuta argumenta fit-trattazzjoni li r-Risposta tal-patroċinata tiegħu kienet ġiet innotifikata lil ċertu Charles Costigan* ai termini *tar-Regolament 6(3) tal-L.S. 380.01 u stante li dan ma ppreżenta ebda risposta, jitqies kontumaċi. It-Tribunal, iżda, jirrileva qabel xejn li l-persuna indikata fl-iskrittura huwa* **Matthew Charles Costigan** *u mhux Charles Costigan, u jgħid ukoll li l-L.S. 380.01 mhijiex ċara fis-sens li fil-fehma tat-Tribunal, mhuwiex ċar jekk ir-Regolament 6(3) tal-L.S. 380.01 joperax bħall-Art. 961 u l-Art. 962 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ulterjorment u fid-dawl tal-fatt li sar tentattiv (pożittiv) għan-notifika ta' Charles Costigan (fol. 16) fl-indirizz, 85, Triq il-Kapuċċini, San Ġwann, it-Tribunal jgħid li ċċekkja r-Reġistru Elettorali u minnu jirriżulta li fl-indirizz relattiv hemm irreġistrati bħala residenti Matthew Charles Costigan u persuna oħra. Ħadd minn dawn il-persuni m'hu Charles Costigan. Għalhekk, dan l-argument qiegħed jiġi respint u t-Tribunal mhuwiex sejjer iqis lil Charles Costigan – li ismu qatt ma ssemma mix-xhieda – bħala parti fil-kawża u għalhekk kontumaċi o meno.*

*Tenut kont ta' dan kollu, it-Tribunal mhuwiex tal-fehma li hemm biżżejjed provi sabiex isostnu l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta. Anzi, fil-fehma tat-Tribunal, il-provi mressqa jimmilitaw favur is-soċjetà attriċi.*

***Decide***

*Għaldaqstant, wara li ra d-dokumentazzjoni ppreżentata u wara li sema' lix-xhieda, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi li:*

*i. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta; u*

*ii. Jakkolji t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u għalhekk jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta' seba' mija u tlieta u tmenin euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€783.78), bl-imgħax li għandu jkun ikkalkulat b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi, dekorribbli mid-data tal-ftuħ tal-kawża (jiġifieri mid-9 ta' Ġunju, 2021), sad-data tal-pagament effettiv.*

*L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuta."*

## L-Appell

8. L-appellanta appellat mid-deċiżjoni tat-Tribunal permezz ta' rikors ippreżentat fil-5 ta' Lulju, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza tat-Tribunal tal-21 ta' Ġunju, 2022 fl-ismijiet premessi, u konsegwentement takkolji l-eċċezzjonijiet tal-appellanta. L-appellanta qalet li t-Tribunal beda l-konsiderazzjonijiet tiegħu b'eżami dwar jekk il-konvenuta hijiex direttur tas-soċjetà Western Company Limited, u għamel indaġni fil-Malta Business Directory sabiex jara jekk il-konvenuta kinitx awtorizzata minn Western Company Limited sabiex tiffirma kuntratti mas-soċjetà attriċi. L-appellanta qalet li t-Tribunal ma kellux jagħmel din l-indaġini, iżda kellu joqgħod fuq l-atti, għaliex *quod non est in actis non est in mundo.* Qalet li l-MBR mhux sors li l-Qorti għandha tieħu *judicial cognisance* tiegħu. L-appellanta qalet ukoll li din l-indaġini kienet waħda inutli, u dan għaliex qatt ma ġie allegat minnha li

hija ma kinitx awtorizzata tiffirma ftehim mas-soċjetà attriċi, u l-unika difiża tagħha kienet li hija ma kinitx baqgħet tiġġestixxi l-ħanut, u hija kienet għaddiet il-ġestjoni tal-ħanut lil Matthew Charles Costigan, u għalhekk il-kont mertu ta' dawn il-proċeduri kellu jitħallas minn Costigan u mhux minnha.

9. L-appellanta qalet li l-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal hija waħda żbaljata, u dan għaliex mill-provi rriżulta li s-soċjetà attriċi kienet taf li l-ħanut in kwistjoni kien twella lil terz, tant hu hekk li hija bagħtet kont identiku għal dak esebit f'dawn l-atti lil Costigan, it-terz li beda jiġġestixxi l-ħanut in kwistjoni. Qalet ukoll li s-soċjetà attriċi, hawn appellata, intavolat ittra uffiċjali *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 kontra Costigan, iżda jidher li dan mar jipprotesta mas-soċjetà appellata għaliex ma qabilx li dan il-kont kellu jitħallas minnu, u kien għalhekk li s-soċjetà appellata intavolat il-proċeduri odjerni kontra l-konvenuta. L-appellanta qalet li dan mhux il-mod kif għandhom jitmexxew proċeduri bħal dawn.

10. L-appellanta qalet ukoll li f'dawn il-proċeduri ġie notifikat bl-atti Matthew Charles Costigan, iżda dan għażel li ma jippreżentax risposta, ma jattendix għas-seduti u ma jressaqx provi. Qalet ukoll li fuq bażi ta' probabbilità, it-Tribunal kien messu aċċetta l-verżjoni tagħha u lliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju, filwaqt li kkundanna lil Costigan għall-ħlas. L-appellanta qalet li jrid jiġi enfasizzat li fil-mori tal-proċeduri ġiet esebita skrittura fejn il-ħanut in kwistjoni twella lil Costigan. Qalet li l-ammont pretiż mis-soċjetà appellata jirreferi għall-perijodu bejn it-2 ta' Ottubru, 2017 u t-12 ta' Ottubru, 2017, f'liema perijodu l-ħanut kien diġà qiegħed jiġi ġestit minn Costigan. L-appellanta qalet li l-pretensjonijiet tas-soċjetà appellata oriġinarjament kienu indirizzati kontra Costigan, u l-kwistjoni

kellha tibqa' tiġi indirizzata b'dak il-mod, u s-soċjetà appellata ma kellhiex tibdel ir-rotta kif għamlet.

11. L-appellanta qalet li t-Tribunal għamel eżami tal-*customer code,* u kkonkluda li dan kienu differenti. Qalet li dan kellu jkun evidenti għaliex hi u Costigan kellhom *customer codes* differenti, iżda żiedet tgħid li huma l-*invoices/statement* li jridu jiġu eżaminati, u għandu jingħad hawnhekk li l-*invoices* indirizzati lil Costigan u dawk mibgħuta lis-soċjetà appellanta huma identiċi.

12. L-appellanta qalet li t-Tribunal kien żbaljat ukoll meta rrileva illi jekk hija kienet daqshekk konvinta li ma kinitx il-leġittima kontradittriċi, kien messha talbet lil Costigan jissejjaħ fil-kawża a tenur tal-artikoli 961 u 962 tal-Kap. 12. L-appellanta spjegat li min-naħa tagħha hija osservat dak li jgħid l-artikolu 6 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 380.01, u innotifikat lit-terz b'kopja tat-talba, b'kopja tar-risposta tagħha, bl-avviż lit-terzi u b'formola għal risposta vojta, u għalhekk ma kellhiex għalfejn titlob il-kjamata fil-kawża ta' Costigan. Qalet ukoll li l-fatt li hija ma kkjamatx lil Costigan fil-kawża ma kellux jaffettwa l-eċċezzjoni tagħha, għaliex it-Tribunal xorta waħda kellu jikkonkludi li dan l-ammont mhux dovut minnha.

13. B'riferiment għall-parti konklussiva tas-sentenza tat-Tribunal, l-appellanta qalet li ma kinitx il-funzjoni tat-Tribunal li jfittex fir-Reġistru Elettorali dwar min jgħix fl-indirizz indikat, u fuq bażi ta' probabbilità u wara li nstemgħu x-xhieda, kellu jirriżulta li Charles Costigan u Matthew Charles Costigan huma l-istess persuna.

**Ir-Risposta tal-Appell**

14. Is-soċjetà appellata spjegat li hija kienet biegħet diversi prodotti lill-appellanta, meta din kienet tiġġestixxi ħanut bl-isem 'Ta' Paris Self Service', liema relazzjoni kummerċjali kienet ibbażata fuq *credit application* li ġiet esebita in atti. Qalet li kien għad baqa' bilanċ mhux imħallas ta' €783.78, u mid-dati tal-fatturi ppreżentati in atti, għandu jirriżulta li l-perijodu li fih inxtraw il-prodotti mingħand is-soċjetà appellata kien kopert bil-*credit application* li ffirmat l-appellanta, u għalhekk dan l-ammont intalab mingħandha. Is-soċjetà appellata spjegat li l-*invoices* li qed jintalab ħlas tagħhom permezz tat-talba quddiem it-Tribunal, huma datati mill-5 ta' Ottubru, 2017 sat-12 ta' Ottubru, 2017. Qalet li l-ħanut għadda f'idejn terz, Matthew Costigan, u x-xiri ta' prodotti minn dan l-operatur il-ġdid mingħand is-soċjetà appellata, huwa regolat permezz ta' *credit application* ġdida li ġiet iffirmata fil-15 ta' Ottubru, 2017. Is-soċjetà appellata qalet li skont l-appellanta l-ammont pretiż kien dovut minn Costigan, u in sostenn ta' dan ir-raġel tagħha Charles Bianco ippreżenta skrittura privata ffirmata bejn Western Company Limited u Matthew Charles Costigan, liema ftehim is-soċjetà appellata qalet li hija mhijiex parti minnu. Is-soċjetà appellata qalet li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija korretta u timmerita konferma.

15. B'riferiment għall-aggravji mressqa mill-appellanta, is-soċjetà appellata qalet li mhuwiex ikkontestat li wara li l-appellanta Maria Helena Bianco waqfet tiġġestixxi l-ħanut, ġiet iffirmata 'credit application' ġdida ma' Matthew Charles Costigan fis-17 ta' Ottubru, 2017, liema data tiġi wara d-data tal-*invoices* ppreżentati mat-Talba odjerna, kif jidher mill-i*statements* ippreżentati fl-atti tal-prim istanza. L-appellata qalet li huwa minnu li wara li Matthew Charles

Costigan kien waqaf jiġġestixxi l-ħanut, hija kienet ippreżentat kontra tiegħu ittra uffiċjali *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġjiet ta' Malta, fejn kienet inkludiet fl-istess ittra l-ammont pretiż fil-kawża odjerna. Imma meta din l-ittra uffiċjali ġiet ikkontestata, hija għamlet il-verifiki tagħha, u rriżulta li l-*invoices* in kwistjoni għandhom data li tmur lura għal qabel ma ġiet iffirmata l-*credit application* ma' Matthew Costigan, u għalhekk ġie stabbilit li dan l-ammont kien dovut taħt il-*credit application* li kienet ġiet iffirmata mill-appellanta. Is-soċjetà appellanta qalet li l-prova prinċipali li ppreżentat l-appellanta sabiex tistabbilixxi li l-ammont pretiż huwa dovut kollu minn Matthew Costigan, hija skrittura privata tat-2 ta' Ottubru, 2017, li ma torbotx lilha, għaliex hija ma kinitx parti minn dak il-ftehim. Is-soċjetà appellata qalet ukoll li dak il-ftehim ripetutament isemmi d-data tal-14 ta' Ottubru, 2017 bħala d-data minn meta Matthew Costigan għandu jinżamm responsabbli, u din id-data tiġi wara d-data tal-*invoice* li baqgħet mhux imħallsa, u li tagħha qiegħed jintalab il-ħlas permezz ta' dawn il-proċeduri. Qalet li minkejja li l-appellanta qegħda tinsisti li l-ammont mhux dovut minnha, id-dati fuq l-*invoices* juru mod ieħor, u għalhekk it-Tribunal kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

16. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-appellanta, u dan fid-dawl ta' dak li ddeċieda t-Tribunal, filwaqt li tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmulin mis-soċjetà appellata anki permezz tar-risposta tagħha.

*L-aggravju tal-appellanta:* *[it-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-fatti]*

17. L-appellanta ssollevat diversi lanjanzi li fil-fehma tagħha wasslu għal deċiżjoni żbaljata da parti tat-Tribunal, imma fil-verità l-aggravju tagħha huwa li t-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament korrett tal-fatti u tal-provi li kellu quddiemu. Fl-ewwel lok l-appellanta saħqet li t-Tribunal ma kellux jagħmel il-verifiki tiegħu mal-Malta Business Registry sabiex jistabbilixxi jekk hija setgħetx tiffirma l-ftehim mas-soċjetà appellata, u qalet li t-Tribunal kellu jistrieħ biss fuq l-provi li kellu quddiemu. Qalet li s-soċjetà appellata kienet taf bit-twellija tal-ħanut lil Costigan, tant hu hekk li bagħtet ittra uffiċjali lilu għall-ħlas, iżda meta dan ipprotesta, is-soċjetà appellata aċċettat il-verżjoni tal-fatti kif mogħtija minnu, u daret fuq l-appellanta għall-ħlas. L-appellanta saħqet ukoll li t-Tribunal kien żbaljat meta qal li hija kellha titlob il-kjamata fil-kawża ta' Costigan, u qalet li hija min-naħa tagħha kienet innotifikatu bl-Avviż tat-Talba tagħha, u kien hu li għażel li ma jdaħħal ebda risposta u li ma jattendix għas-seduti. Barra minn hekk l-appellanta tilmenta ukoll t-Tribunal għamel il-verifiki mar-Reġistru Elettorali sabiex jiġi stabbilit min kien jgħix fl-indirizz f'San Ġwann, fejn jirriżulta li jgħix Matthew Charles Costigan, li huwa l-persuna li ħa l-ġestjoni tal-ħanut in kwistjoni mingħand l-appellanta.

18. Il-Qorti tibda billi tirrileva li l-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi li t-Tribunal għandu jaqta' l-pendenzi li jkollu quddiemu prinċipalment skont l-ekwità, u li huwa l-ġudikatur li jippresjedi t-Tribunal li għandu jirregola l-proċedimenti bl-aktar mod xieraq u skont id-dettami tal-ġustizzja naturali. L-artikolu 9 tal-Att jgħid ukoll li l-ġudikatur *"għandu jitgħarraf b'kull mod li jidhirlu*

*xieraq"*, u ma jkunx marbut bir-regoli dwar l-aħjar prova jew dwar xiehda fuq kliem ħaddieħor. Fuq kollox, fid-deċiżjoni tiegħu l-ġudikatur għandu jelenka d-dettalji ewlenin li fuqhom huwa jkun ibbaża id-deċiżjoni tiegħu. Huma dawn uħud mill-prinċipji li joħorġu minn dak li jipprovdi l-leġislatur fl-Att li jirregola l-proċeduri quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar. Dan ifisser li fil-każ odjern it-Tribunal kien korrett meta għamel l-verifiki tiegħu mal-Malta Business Registry u mar-Reġistru Elettorali, anki jekk dan ma kienx strettament meħtieġ sabiex tiġi determinata l-vertenza li kellu quddiemu, u għalhekk l-lanjanzi tal-appellanta dwar il-verifiki li għamel t-Tribunal minn rajh, li wasslu għal provi li ma jirriżultawx mill-atti, huma għal kollox mingħajr bażi legali.

19. Mill-provi jirriżulta li l-appellanta kienet tiġġestixxi ħanut, u li hija kellha ftehim mas-soċjetà appellata dwar ix-xiri ta' prodotti li kellhom jinbiegħu mill-ħanut ġestit mill-appellanta. Dawn il-prodotti kienu jinxtraw taħt *credit application*, u l-*invoice* għal dawn il-prodotti kienet tintbagħat mis-soċjetà appellata kull tant żmien. Is-soċjetà appellata qegħda titlob il-ħlas ta' *invoices* li jkopru l-perijodu bejn it-2 ta' Ottubru, 2017 u t-12 ta' Ottubru, 2017. L-appellanta tikkontendi li dak iż-żmien hija kienet diġà welliet il-ħanut lil Costigan, u għalhekk il-pretensjonijiet tas-soċjetà appellata kellhom ikunu indirizzati lil Costigan u mhux lilha. Mill-provi in atti jirriżulta wkoll fit-2 ta' Ottubru, 2017 ġiet iffirmata skrittura privata bejn Carmel sive Charles Bianco għan-nom ta' Western Company Limited u Matthew u Maria Costigan, li permezz tagħha ġie fformalizzat il-ftehim dwar it-twellija tal-ħanut. Il-Qorti tirrileva li f'din l-iskrittura privata, il-*cut off date* minn meta l-ħanut kellu jibda jiġi ġestit minn Costigan, hija l-14 ta' Ottubru, 2017, stante li l-ktieb tal-VAT il-ġdid kellu jibda jopera minn din id-data, filwaqt li l-ħlasijiet tal-kontijiet tad-dawl

u l-ilma tal-fond kellhom ikunu responsabbilità ta' Costigan wara din id-data. Fi klawsola oħra tal-imsemmi ftehim, ġie ppreċiżat li l-ħlas tal-permessi, tat-telefon u tal-internet waqgħu taħt ir-responsabbilità ta' Costigan mill-14 ta' Ottubru, 2017 'il quddiem. Dan ifisser li sal-14 ta' Ottubru, 2017, il-ħanut u l-oġġetti ta' ġo fih kienu għadhom jaqgħu taħt ir-responsabbilità tal-appellanta, u kienet għalhekk korretta s-soċjetà appellata fil-pretensjoni tagħha li l-appellanta kellha tħallas dak dovut minnha għall-perijodu bejn it-2 ta' Ottubru, 2017 u t-12 ta' Ottubru, 2017, għaliex f'dan il-perijodu partikolari kienet l-appellanta li kellha kontroll tal-ġestjoni tal-ħanut in kwistjoni u tal-oġġetti li kien hemm fih. Fil-fatt il-ftehim il-ġdid bejn is-soċjetà appellata u Costigan, daħal fis-seħħ wara din il-*cut off date,* jiġifieri fis-17 ta' Ottubru, 2017. Għandu jiġi rilevat ukoll li l-ftehim bejn l-appellanta u Costigan huwa *res inter alios acta* għar-relazzjoni bejn il-partijiet f'dawn il-proċeduri, u l-iskrittura privata bejn l-appellanta u Costigan, f'dan il-każ serviet biss bħala prova tad-data minn meta l-ħanut beda jiġi ġestit minn Costigan. Il-Qorti tqis li din il-prova serviet ukoll biex issaħħaħ il-pretensjonijiet tas-soċjetà appellata, li sal-*cut off date* li tirriżulta minn din l-iskrittura, hija l-appellanta li għandha tagħmel tajjeb għall-ħlas pretiż mis-soċjetà appellata. Il-Qorti għalhekk ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni li wasal għaliha t-Tribunal, li hija l-appellanta li għandha tagħmel tajjeb għall-pretensjoni tas-soċjetà appellata, u għalhekk tqis li l-aggravju tal-appellanta mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell tal-appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjes tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjes ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**